



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 23/20**  
il-Lussemburgu, 3 ta' Marzu 2020

Sentenza fil-Kawża C-125/18  
Marc Gómez del Moral Guasch vs Bankia SA

**Il-qrati Spanjoli għandhom jistħarrġu n-natura ċara u li tinfiehem tal-klawżola li tinsab fil-kuntratti ta' self ipotekarju li tipprevedi l-applikazzjoni ta' rata ta' interessi varjabbl bbażata fuq l-indiċi tal-banek tat-tfaddil Spanjoli**

*Jekk jikkonkludu li din il-klawżola hija inġusta, huma jistgħu, sabiex jipproteġu lill-konsumatur minn konsegwenzi partikolarmen dannużi li jistgħu jirriżultaw minn nullità tal-kuntratt ta' self, jissostitwixxu dan l-indiċi b'indiri supplimentari previst mil-leġiżlazzjoni Spanjola*

Fis-sentenza **Gómez del Moral Guasch** (C-125/18), mogħtija fit-3 ta' Marzu 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, ikkostitwita bħala Awla Manja, iddeċidiet li **l-klawżola ta' kuntratt ta' self ipotekarju konkluż bejn konsumatur u profesjonist, li abbażi tagħha r-rata ta' interessi li għandha titħallas mill-konsumatur tvarja skont l-indiċi ta' referenza bbażat fuq is-self ipotekarju tal-banek ta' tfaddil Spanjoli** (iktar 'il quddiem l-“indiċi ta' referenza”), b'dan l-indiċi jkun previst mid-dritt Spanjol, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva dwar il-klawżoli inġusti<sup>1</sup>. Fil-fatt, din il-klawżola ma tirriflettix ligħej jew regolamenti mandatorji fis-sens tal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li **l-qrati Spanjoli kellhom jivverifikaw in-natura ċara u li tinfiehem ta' tali klawżola, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk id-dritt Spanjol kienx implimenta l-possibbiltà offruta lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva, li jipprevedu li l-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ma tirrigwardax b'mod partikolari d-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt.** Jekk dawn il-qrati jikkonkludu li din il-klawżola tkun inġusta, huma jistgħu, sabiex jipproteġu lill-konsumatur mill-konsegwenzi partikolarmen dannużi li jistgħu jirriżultaw minn nullità tal-kuntratt ta' self, jissostitwixxu dan l-indiċi b'indiri supplimentari previst mil-leġiżlazzjoni Spanjola.

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia Nruº 38 de Barcelona (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 38 ta' Barcelona, Spanja). Marc Gómez del Moral Guasch kien ippreżenta rikors quddiem din il-qorti dwar in-natura allegatament inġusta ta' klawżola dwar ir-rata ta' interessi varjabbl u remuneratorja li kienet tinsab fil-kuntratt ta' self ipotekarju li huwa kien ikkonkluda mal-istabbiliment bankarju Bankia SA. Skont din il-klawżola, ir-rata ta' interessi li kellha titħallas mill-konsumatur kienet tvarja skont l-indiċi ta' referenza. Dan l-indiċi ta' referenza kien previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u seta' jiġi applikat mill-istabbilimenti ta' kreditu għas-self ipotekarju. Madankollu, il-qorti Spanjola rrilevat li l-indiċjar tal-interessi varjabbl kkalkolat abbażi tal-indiċi ta' referenza kien inqas favorevoli minn dak ikkalkolat abbażi tar-rata medja tas-suq interbankarju Ewropew (Euribor), li jintuża f'90 % tas-self ipotekarju ssottoskritt fi Spanja, bi spiżza addizzjonal ta' bejn EUR 18 000 u EUR 21 000 għal kull self.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li **l-klawżoli li jirriflettu ligħej jew regolamenti mandatorji huma eskużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva<sup>2</sup>.** Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li, bla ħsara għal verifika mill-qorti Spanjola, **il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli f'dan il-każ ma kinitx timponi, għas-self b'rata ta' interessi varjabbl, l-użu ta' indiċi ta' referenza uffiċjali iżda sempliċement kienet tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti mill-“indiċijiet jew rati ta' referenza” sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-istabbilimenti ta' kreditu.** Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li **l-klawżola ta' kuntratt ta' self ipotekarju li**

<sup>1</sup>Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

<sup>2</sup>Artikolu 1(2) tad-Direttiva.

tipprevedi li r-rata ta' interassi applikabbi għas-self tkun ibbażata fuq wieħed mill-indiċijiet ta' referenza uffiċjali previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jkunu jistgħu jiġu applikati mill-istabbilimenti ta' kreditu għas-self ipotekarju, meta din il-leġiżlazzjoni la tipprevedi l-applikazzjoni mandatorja ta' dan l-indiċi indipendentement mill-ġħażla tal-partijiet fil-kuntratt, u lanqas l-applikazzjoni supplimentari tagħha fl-assenza ta' arranġament differenti bejn dawn l-istess partijiet, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ffokat fuq is-setgħat tal-qorti nazzjonali waqt l-istħarriġ tat-trasparenza ta' klawżola li tirrigwarda s-suġġett prinċipali tal-kuntratt. Fil-fatt, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva jipprevedi li l-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli ma tirrigwardax b'mod partikolari d-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt sakemm dawn il-klawżoli jkunu fformulati b'mod ċar u li jinftiehem<sup>3</sup>. Il-Qorti Spanjola kienet qed tistaqsi dwar il-possibbiltà għal qorti nazzjonali, anki fl-assenza ta' traspożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva fid-dritt intern, li tistħarreġ jekk klawżola bħal dik inkwistjoni tissodisfax ir-rekwiżit ta' trasparenza stabbilit mid-Direttiva. F'dan ir-riġward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-klawżoli kuntrattwali għandhom dejjem jissodisfaw ir-rekwiżit ta' redazzjoni ċara u li tinftiehem<sup>4</sup>. Dan ir-rekwiżit japplika, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, anki meta klawżola taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq u anki jekk l-Istat Membru kkonċernat, f'dan il-każ Spanja, ma jkunx ittraspona din id-dispożizzjoni fl-ordinament ġuridiku tiegħu. Minn dan isegwi li **qorti ta' Stat Membru hija dejjem obbligata tistħarreġ in-natura ċara u li tinftiehem ta' klawżola kuntrattwali dwar is-suġġett prinċipali tal-kuntratt.**

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għall-finijiet tal-osservanza tar-rekwiżit ta' trasparenza fis-sens tad-Direttiva<sup>5</sup>, **klawżola li tiffissa rata ta' interassi varjabbi li tinsab f'kuntratt ta' self ipotekarju mhux biss għandha tkun tinftiehem fuq il-livelli formali u grammatikali, iżda għandha tippermetti wkoll li konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, jitqiegħed f'pożizzjoni li jifhem il-funzjonament konkret tal-metodu ta' kalkolu ta' din ir-rata u li għalhekk jevalwa, fuq il-bażi ta' kriterji preċiżi u li jinftieħmu, il-konsegwenzi ekonomiċi, potenzjalment sinjifikattivi, ta' tali klawżola fuq l-obbligi finanzjarji tiegħu.** Jikkostitwixxu elementi partikolarmen rilevanti f'dan ir-riġward, minn naħħa, il-fatt li l-elementi prinċipali relatati mal-kalkolu ta' din ir-rata ta' interassi jkunu faċiġment aċċessibbi għal kull persuna li jkollha l-intenzjoni li tagħmel self ipotekarju, minħabba l-pubblikazzjoni tal-metodu ta' kalkolu ta' din ir-rata fil-ġurnal uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll, min-naħħa l-oħra, il-provvista ta' informazzjoni mill-professionist lill-konsumatur dwar l-iżvilupp storiku tal-indiċi li abbażi tiegħu tiġi kkalkolata din l-istess rata.

Fir-raba' lok, f'dak li jikkonċerna s-setgħat tal-qorti nazzjonali fil-konstatazzjoni tan-natura inġusta eventwali ta' klawżola kuntrattwali, fis-sens tad-Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din<sup>6</sup> ma tipprekludix lill-qorti nazzjonali, b'applikazzjoni tal-prinċipji tad-dritt tal-kuntratti, milli tħassar il-klawżola inġusta ta' kuntratt konkuż bejn professjonist u konsumatur, billi tissostitwixxiha b'dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali li jkollha natura supplimentari f'sitwazzjonijiet fejn it-tħassir ta' tali klawżola jobbliga lill-qorti tannulla l-kuntratt fl-intier tiegħu, u b'hekk tesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarmen dannużi. Fil-fatt, tali annullament tal-kuntratt jaf ikollu bħala prinċipju l-konsegwenza li l-ammont tas-self li jkun għad fadal jitħallas isir dovut immedjata ġi proporzjonijiet li jirriskjaw li jaqbżu l-kapaċitajiet finanzjarji tal-konsumatur, u, minn dan il-fatt, ikollu t-tendenza li jippenalizza lilu iktar milli lill-kreditur li, konsegwentement, ma jiġix skoraġġut milli jdaħħal tali klawżola fil-kuntratti li huwa joffri. F'dan il-każ, il-leġiżlatur Spanjol, sa mill-konkużjoni tal-kuntratt ta' self kontenzjuż, introduċa indiċi "ta' sostituzzjoni", li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinvju, huwa ta' natura supplimentari. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li **d-Direttiva<sup>7</sup> ma tipprekludix li, fil-każ ta' nullità ta' klawżola kuntrattwali inġusta li tistabbilixxi indiċi ta' referenza għall-kalkolu tal-interassi varjabbi ta' self, il-qorti nazzjonali tissostitwixxi dan l-indiċi bl-imsemmi indiċi ta' sostituzzjoni, applikabbi fl-assenza ta'**

<sup>3</sup>Artikolu 4(2) tad-Direttiva, dwar il-klawżoli li jirrigwardaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew l-adegwatezza tal-prezz u r-remunerazzjoni, minn naħħa, u s-servizzi jew l-oġġetti li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv, min-naħħa l-oħra.

<sup>4</sup>Artikolu 5 tad-Direttiva.

<sup>5</sup>Artikoli 4(2) u 5 tad-Direttiva.

<sup>6</sup>Artikolu 6(1) tad-Direttiva.

<sup>7</sup>Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva.

**ftehim kuntrarju tal-partijiet fil-kuntratt, sakemm il-kuntratt ta' self ipotekarju kkonċernat ma jkunx jista' jkompli jeżisti fil-każ tat-tneħħija tal-imsemmija klawżola inġusta, u sakemm l-annullament ta' dan il-kuntratt kollu kemm hu jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi.**

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitkolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Immaġni tal-qari tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.*